# "Jiena d-dielja vera"
# Adorazzjoni Ewkaristika għal Żmien l-Għid fis-Sena B
# Mejju 2024

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Quddiem das-Sagrament tal-għaġeb qima
se nagħtu kif ninsabu hawn miġbura
għax bih tagħtina l-għaxja f'triq il-ħajja
u tibqa' tgħammar magħna bħal ġar tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tifkira ħelwa ta' mewt Kristu Sidna,
ħobż ħaj li tagħti l-ħajja, li fik ġidna,
agħmel li ruħna tgħix bik biss mimlija,
u nħossu l-għaxqa ta' ħlewwietek fina.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Pelikan ħanin, lejk nerfgħu talbna,
minn kull tinġis tad-dnub saffi lil qalbna
b'demmek l-għażiż, li seta' d-dinja kollha
minn kull irbit tal-ħtija b'qatra jħollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int dielja ħajja w vera ta' Missierek
u aħna l-friegħi tiegħek li ninfirxu
sabiex ma' wiċċ l-art kollha jasal l-hena
magħsur mill-frott li inti tkabbar minna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Meta fis-sebħ u l-ferħ tiġborna miegħek,
hemm, wiċċ imb wiċċ, ingħannu t-tifħir tiegħek,
lilek u lill-Missier u lill-Ispirtu,
mal-qaddisin li l-hena diġà wirtu. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Minn xi ftit ġimgħat ilu 'l hawn stajna ninnutaw li d-dwieli bdew jarmu l-weraq il-ġdid biex hekk minn donnhom skeletri li nixfu taħt qillet ix-xemx isiru siġar ħajja u li jagħtu l-ħajja, sakemm għall-ħabta ta' Settembru jinħasdu l-għenieqed tal-għeneb sew għall-għasir tal-inbid u sew biex jittieklu. Hija xena ta' tama meta mqabbla mal-għelieqi tal-qamħ maħsudin u mal-għelieqi li jitbattlu mill-ħaxix ħażin niexef qabel jidħol is-sajf, bil-perikli ta' nirien li jġib miegħu.

Dan ix-xenarju bħala Nsara ma jistax ma jfakkarniex ukoll fid-diskors ta' Ġesù waqt l-aħħar ikla tiegħu mad-dixxipli tiegħu, skont ir-rakkont ta' San Ġwann fejn f'kapitlu 15 jistqarr li huwa d-dielja vera. Din is-sena kien imiss ukoll li jinqara dan id-diskors waqt il-Liturġija tal-Kelma tal-Ħadd li għadda u tal-Ħadd li ġej—il-Ħames u s-Sitt Ħdud tal-Għid rispettivament. Bħal donnu l-Knisja f'dan iż-żmien liturġiku, li qajla nagħtuh importanza, terġa' teħodna fil-fuklar taċ-ċenaklu fejn Ġesù għamel l-aħħar ikla imma wkoll deher lid-dixxipli tiegħu wara l-qawmien, sabiex tfakkarna mill-ġdid il-perspettiva li minnha jeħtieġ li naraw il-misteru tal-passjoni, il-mewt, u l-qawmien tal-Mulej. Permezz ta' dan id-diskors u taż-żewġ diskorsi l-oħra li jippreżentalna Ġwanni f'kapitli 14 u 16, il-misteru tas-Salib jiġi mwaħħad mal-misteru tal-qawmien u jiġi ppreżentat lid-dixxipli u lilna bħala l-mudell tal-komunità nisranija u l-mod kif hu jridna ngħixu ta' Nsara flimkien u individwalment bħala dixxipli tiegħu.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (15, 1-17)
F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għidtilkom. Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; imbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu. Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kulma tridu, u jingħatalkom. Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi. Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed fi mħabbtu.
Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom. Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kulma smajt mingħand Missieri jiena għarrafthulkom. Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kulma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.

Mulej, din it-tixbiha tad-dielja tintuża diversi drabi biex tirreferi għall-poplu Lhudi u tfisser ir-rabta ta' dan il-poplu ma' Alla u r-rabta ta' Alla mal-poplu magħżul minnu. Il-Profeta Isaija jgħanni l-għanja ta' mħabbet Alla għall-għalqa tad-dwieli tiegħu (Is 5, 1-7). U f'Salm 80, is-Salmista jgħanni hekk, Mulej:

> Int qlajt dielja mill-Eġittu,
> warrabt il-ġnus biex tħawwel lilha.
> Ħejjejt l-art għaliha;
> hi xenxlet għeruqha u mliet l-art.
> Tgħattew l-għoljiet bid-dell tagħha,
> bħaċ-ċedri l-kbar il-friegħi tagħha.
> Meddet sal-baħar il-friegħi tagħha,
> sax-Xmara ż-żraġen tagħha. (Salm 80, 9-12)

Imma, jekk fi xbihat oħra, il-Poplu l-Ġdid tiegħek—il-Knisja—japplika għalih innifsu dak li ġie mwiegħed lill-poplu tal-patt il-qadim permezz tal-patt il-ġdid issiġillat b'demmek, din id-darba ix-xbieha inti tapplikaha għalik innifsek. Inti tgħid: "Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi … Jiena d-dielja, intom il-friegħi." U dan bir-raġun kollu għax aħna niffurmaw il-ġisem mistiku tiegħek. U kif aħna partijiet differenti mill-ġisem li tiegħu inti r-ras, hekk ukoll aħna friegħi li jispuntaw miz-zokk ewlieni tad-dielja li hija inti.

Anke fil-parabboli tas-Saltna tas-Smewwiet, kull meta tissemma l-għalqa tad-dwieli, f'kontinwità mat-tradizzjoni tal-Testment il-Qadim, turi biċ-ċar li ma hemm l-ebda futur mingħajr ir-rabta miegħek. Inutli nkunu bħall-iben li jwiegħed li sejjer jaħdem fl-għalqa tad-dwieli tiegħek imma ma jmurx (ara Mt 21, 28-32). Inutli nkunu ħaddiema fdati fl-għalqa tiegħek jekk ma rroddulekx il-frott fi żmienu imma nippretendu li nistgħu nżommuh għalina b'egoiżmu. Ingezzu dak li kabbart int bil-qawwa tiegħek u bil-ħajja li tagħtina inti bil-għan li bih mhux biss nixbgħu aħna imma inti titma wkoll lil tant erwieħ li huma bil-ġuħ għall-ġustizzja u għatxana għall-inbid tal-ferħ tiegħek (ara Mt 21, 33-46).

Għax inti minna ma titlob xejn inqas minn dak li għamilt inti. Tgħidilna u tordnalna bi ħlewwa soda: "Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kulma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin." Forsi tidher faċli, imma mill-esperjenza nafu li mhijiex. Imma, Mulej Ġesù, jekk iżżommna sew marbutin miegħek u ma tħalliniex naħarbulek, jekk tgħarrafna li qed tisma' t-talb tagħna—anke jekk forsi ma tagħtiniex eżatt dak li nitolbu—żgur li jkun iktar faċli għalina li nibqgħu marbutin miegħek. Għalhekk, Mulej, talba waħda se nagħmlulek illejla, lilna li ma tqisniex ta' qaddejja imma ta' ħbieb … talba li ma tistax tiċħadhielna għax huwa dak li titlob inti stess minna. Mulej, nitolbuk: żommna fl-imħabba tiegħek, ukoll meta nġarrbu t-tbatija taż-żabra li tqaddisna u tippermetti li nagħmlu frott iktar bnin; żommna fl-imħabba tiegħek, ukoll meta jkun diffiċli li nilqgħu r-rieda tiegħek u

nibqgħu nħobbu sal-aħħar u lil kulħadd; żommna sodi fl-imħabba anke f'dinja li tilfet il-kapaċità li tħobb bla ma tistenna xejn lura, li tħobb billi tagħti kollox.

## Innu Ewkaristiku

Mulej, barra s-simbolu tal-għaqda organika bejn id-dielja u l-friegħi, bejnek u bejnna, id-dielja u l-frott tagħha huma ħaġa waħda mal-misteru li qegħdin nadurawk fih: l-Ewkaristija, fejn demm id-dielja jsir demmek imxerred għall-ħelsien tagħna. U dan il-kalċi tas-salvazzjoni li jiġi offrut għall-maħfra tad-dnubiet f'kull quddiesa huwa wkoll rahan tal-ħajja ta' dejjem. Inti stess, meta waqqaft dan is-sagrament fil-lejl li fih ġejt ittradut, hekk stqarrejt lit-Tnax miġburin miegħek: "Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri" (Mt 26, 29).
Għaldaqstant quddiemek se ntennu dak li jitlob Sant'Injazju fit-talba *Ruħ ta' Kristu*: "Sanguis Christi, inebria me." Mhux qed nitolbuk biss tisqina imma bil-frażi "inebria me" qed nitolbuk ferm iktar. Qed nitolbuk: Sakkarna, ferraħna bil-preżenza tiegħek quddiemna u fina. Sakkarna bik sabiex moħħna u qalbna jeħfiefu u nkunu nistgħu nintreħew għal kollox f'idejk u nilqgħu bla reżistenza r-rieda tiegħek. Sakkarna bik sabiex ilsienna jinħall u nesprimu dak li tassew hemm f'qalbna, sew jekk ferħ u sew jekk niket, sew jekk tifħir u sew jekk rabja, sew jekk sodisfazzjon u sew jekk qtigħ il-qalb. Sakkarna ħalli nersqu quddiemek b'ruħna għarwiena mingħajr mistħija jew biża' għax nagħrfu li int Alla ħanin u salvatur.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

B'kunfidenza fil-wegħda tiegħek li jiġi mogħti lilna kulma nitolbu lill-Missier f'ismek, se npoġġu f'riġlejk it-talb tagħna sabiex inti twassalhom fi ħdanu.

- Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek li permezz tagħha żżomm il-friegħi tiegħek ħajja fuq l-art. Nitolbu.
- Idħol għar-ragħajja tal-Knisja quddiem il-Missier sabiex jagħtihom l-istess dedikazzjoni tiegħu għad-dielja. Nitolbu.
- Dawwal l-imħuħ tal-mexxejja tal-poplu sabiex jiftħu għajnejhom u jagħrfu li m'hemmx triq 'il quddiem fl-isqaq tal-gwerra u tal-mibegħda. Nitolbu.
- Nitolbu għal dawk li jaħdmu l-għelieqi tagħna u li jaħdmu fl-industriji marbutin magħhom. Bierek ukoll lil artna b'xita f'waqtha biex ma ċċaħħadniex mill-frott tagħha. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ żgħażagħ minn fostna li jiddedikaw ħajjithom għall-qadi tal-poplu tiegħek bħala ħbieb tiegħek u saċerdoti li joffru ta' kuljum id-demm tiegħek għall-maħfra tad-dnubiet. Nitolbu.

Ilqa', Mulej, dan it-tnehid tagħna għall-għalqa tad-dwieli tal-Missier, li miegħu tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali